MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1285/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) in rappreżentanza tal-assikurat tagħha s-Sur Kenneth Mizzi (I.D. No. 807 248(M))**
**Vs**
**Francesco Saverio Said (I.D. 251353(M))**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-14 ta' Ġunju, 2005 fejn is-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta' Lm 971.33 (disgħa mija u wieħed u sebgħin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu) bħala ħlas ta' danni kaġunati fuq il-vettura ta' Kenneth Mizzi wara inċident stradali li seħħ nhar l-14 ta' Novmebru, 2002.

Fl-Avviż tat-talba intqal:-

Illi s-somma indikata hija dovuta lis-Sur Kenneth Mizzi kif debitament rappreżentat mis-soċjeta' assikuratriċi tiegħu, mill-konvenut, in rappreżentanza ta' danni kkaġunati fuq il-vettura tiegħu, numru tar-reġistrazzjoni KCM 330 ta' l-għamla BMW 330 Coupe, kkawżati minn inċident

awtomobilistiku mal-vettura tal-konvenut bin-numru tar-reġistrazzjoni FBY 760 (misjuqa minnu), liema inċident seħħ unikament minħabba l-konvenut imsemmi. Is-somma tinkludi wkoll is-somma ta’ ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 25) rappreżentanti excess u ħamsa u għoxrin lira spejjeż legali (professjonali).

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 11 ta’ Novembru, 2004 (Nru. 7149/04).
Bl-imgħaxijiet li jiddekorru mid-data ta’ l-inċident u ċioe’ mill-14 ta’ Novembru, 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut Francesco Saverio Said fejn ingħad illi:-

1. L-inċident tat-traffiku mertu ta’ din il-kawża ġara unikament bi ħtija ta’ Kenneth Mizzi, xufier tal-vettura KCM 330. Waqt l-inċident, il-vettura tal-konvenut kienet wieqfa għal kollox. Għalhekk l-eċċipjent mhux responsabbli għad-danni allegatament mġarrba mis-soċjeta’ attriċi.

2. Konsegwentement fejn jirrigwarda l-eċċipjent ma hemmx danni x’jiġu likwidati favur is-soċjeta’ attriċi. Fi kwalunkwe każ u **bla preġudizzju għall-premess**, is-soċjeta’ attriċi għandha ġġib il-prova skond il-liġi, tal-quantum tad-danni minnha pretiż.

3. Inoltre, ma hemmx lok għall-kundanna ta’ l-eċċipjent għall-ħlas ta’ danni favur is-soċjeta’ attriċi.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

5. Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa mankanti f’din il-kawża x-xhieda da parti tas-soċjeta’ attriċi tax-xufier tal-vettura assigurata ma’ l-istess

soċjeta’ attriċi u dana minħabba li ma jistax jiġi prodott għax jinsab allontant minn dawn il-gżejjer.

Mix-xhieda mogħtija mill-konvenut seduta stante fil-21 ta’ Frar 2006 jirriżulta illi l-assigurat tas-soċjeta’ attriċiipprova jgħaddi minn bejnu u bejn il-bankina fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Din il-verżjoni hija simili għall-verżjoni minnu mogħtija a tempo vergine lill-Pulizija dakinhar ta’ l-inċident.

Jekk wieħed jara l-verżjoni mogħtija mill-assigurat tas-soċjeta’ attriċi a tempo vergine dana jgħid illi meta waqaf fuq l-“istop sign” la kien hemm ix-xarabank wieqaf u kif jirriżulta anki mill-isketch tal-Pulizija, waqaf fuq ix-xellug ta’ l-istess xarabank.

Jirriżulta illi kien tort l-istess assigurat tas-soċjeta’ attriċi li waqaf fuq “stop sign” meta kien hemm xarabank ġja qegħda fuqu u l-istess xarabank kif allegat mill-istess konvenut kienu qed iħottu u jgħabbu t-tfal ta’ l-iskola.

Jirriżulta għalhekk illi għall-istess inċident kien unikament responsabbli l-istess assigurat tas-soċjeta’ attriċi. Fil-konfront ta’ l-istess konvenut it-Tribunal ma jista’ jagħti l-ebda responsabbilta` jew xi kontribuzzjoni għall-istess sinistru.

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jiċħad it-talbiet attriċi, jilqa’ l-eċċezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta’ attriċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------